MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Numru. 1148/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**

**KONTRA**

**NICOLA MICALLEF**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Nicola Micallef, bint John u Rosaria nee' Mifsud, imwieled Qormi, nhar it- 13 ta' Awwissu 1939, residenti fil- fond Marlojo, Canon Road, Qormi, u detentur tal- karta tal-identita' bin- numru 597839 (M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fid- 29 ta' Frar 2008 u fi snin ta' qabel din id-data, gewwa dawn il- Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, minghajr licenzja moghtija mill- awtorita' kompetenti, ghamel kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f' Malta jew minn Malta, u cioe' sarrfet cekkijiet ta' diversi nies ghal liema servizz kien izomm kumpens;

2) Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement kienet parti fl- ghemil, jew ipprokurjat jew ghenet, jew hajjret l- ghemil ta' reat taht l- Artikolu 22 (1) tal- Att Dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji tal- Kapitolu376 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ammissjoni tal-imputat ma thalli ebda alternattiva ohra ghall-Qorti hlief li ssib htija fih u tghaddi ghalhekk ghas-sentenza. Il-Qorti rat li l-imputat hu ta' eta' avvanzata u ghandu fedina penali netta ghal kollox, u ghen lill-Pulizija fl-investigazzjoni taghhom. Inoltre hu kien wera li ddispjacih ferm ta' dan ir-reat, u kien inkwetat hafna b'dawn il-proceduri kontrih. Madankollu l-Qorti riedet tara

li l-imputat kien fehem il-gravita' ta' eghmilu, aktar u aktar fid-dawl tal-ligijiet godda fil-qasam finanzjarju u l-konsegwenzi penali li jista' jkun hemm ghal kull ksur ta' dawn il-ligijiet specjali. Ghalhekk il-Qorti ser tkun miti hafna fil-piena, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 3, 22 (1) (2) tal- Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------